# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 6 ta' Frar 2020**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1114/2019 JVC**

**Sonya Da Costa Osorio**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Sonya Da Costa Osorio kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

'Illi l-esponenti twieldet bhala Sonya Abela, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid, hawn anness u mmarkata bhala Dok S1;

Illi l-esponenti inghaqdet fiz-zwieg ma Paulo Miguel Da Costa Osorio gewwa l-Parrocca tal-Immakulata Kuncizzjoni, Bormla, Malta nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru elf disa mija sitta w disghin (1996), u dan skond ma jirrizulta mil-Att taz-Zwieg bin-numru progressiv 2237/1996 irregistrat fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku fil-Belt Valletta, Malta, hawn anness u mmarkat bhala Dok S2, minn liema ghaqda ma twieldu ebda tfal;

Illi permezz ta' dan iz-zwieg tal-esponenti ma Paulo Miguel Da Costa Osorio, ir-rikorrenti, li kellha l-kunjom Abela bhala xebba hadet il-kunjom ta' zewgha, kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni kontenuta fl-istess Att taz-Zwieg;

Illi l-esponenti kif ukoll Paulo Miguel Da Costa Osorio ottjenew id-divorzju f'pajjiz esteru, permezz ta' sentenza quddiem l-'Ontario Superior Courts of Justice', gewwa Toronto, Ontario, tal-hamsa (5) ta' Gunju elfejn u tnejn (2002), u liema sentenza saret effettiva nhar is-sitta (6) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002) , u kopja ta' liema qieghda tigi wkoll annessa u mmarkata bhala Dok S3;

Illi tali divorzju gie rikonoxxut mill-awtoritajiet Maltin kif anke jirrizulta mil-annotazzjonijiet tal-istess Att taz-Zwieg surreferit;

Illi sfortunatament u minghajr ma l-esponenti hasbet li kien l-kaz, id-divorzju li din ottjeniet minn ma Paulo Miguel Da Costa Osario gewwa l-Qorti ta' Ontario, ma wassalx sabiex din tirreverti lura ghal kunjom xbubitha kif fil-fatt xtaqet illi taghmel, u dan minkejja li l-istess sentenza moghtija fil-hamsa (5) ta' Gunju elfejn u tnejn

(2002), rreferiet ghal-istess esponenti b'kunjom xbubitha, u cioe 'Abela' , kif ukoll minkejja li l-annotazzjoni mizjuda fl-Att taz-Zwieg nhar il-himstax (15) ta' Ottubru elfejn u erbgha (2004) wkoll taghmel referenza ghar-rikorrenti b'kunjom xbubitha;

Illi ai termini tal-Artikolu 66L(4)(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 62 tal-istess Ligi, l-mara ghandha l-fakulta li terga' lura ghal kunjom xbubitha wara li tottjeni divorzju;

Illi peress li d-divorzju taghha gie rikonoxxut hawn Malta, l-esponenti tixtieq li hi terga lura ghal kunjom xbubitha kif tippermetti l-ligi, daqs li kieku id-divorzju sar hawn Malta;

Illi ghalhekk din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-artikoli 66L(4)(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 62 tal-istess Ligi, kif ukoll ai termini tal-artikoli 253 et sequitur tal-istess Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli l-Qorti joghgobha;

1. Tawtorizza lir-rikorrenti terga' lura ghal kunjom xbubitha;
2. Tiddikjara ai finijiet u effetti kollha tal-ligi li kunjom ir-rikorrenti ghandu jkun 'Abela' u mhux aktar 'Da Costa Osario';
3. Tordna lill-intimat jaghmel l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha mehtiega f'kull att tal-istat civili tar-rikorrenti fejn din tkun necessarja fis-sens li kunjom ir-rikorrenti m'ghandux jaqra aktar 'Da Costa Osario', izda li ghandu jigi sostiwit b'kunjom xbubitha u cioe' 'Abela', kull

fejn ikun mehtieg inkluz fl-att taz-zwieg tal-esponenti bin-numru progressiv 2237 tas-sena 1996;

4. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mid-data ta' tali awtorizazzjoni, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra l-istess.

Salv kull ordni li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.'

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi illi n-numru progressiv tal-Att taz-Zwieg tar-rikorrenti gie erronjament indikat fir-rikors promotur u dan ghaliex in-numru progressiv li verament jappartjeni l-Att taz-Zwieg in kwistjoni huwa dak ta' 2237 tas-sena 1996 u mhux 2150 tas-sena 1996. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti ghandha tirregola l-pozizzjoni taghha u dan f'gieh l-integrita' tal-gudizzju;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponent umilment jirrileva li mill-Att taz-Zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 2237 tas-sena 1996, b'mod specifiku mill-addenda tal-istess Att, liema Att jinsab hawn anness mar-rikors guramentat u mmarkat bhala 'Dok. S2', jidher illi l-annotazzjoni li tnizzlet mill-konvenut saret abbazi ta' sentenza ta' divorzju moghtija mill-Qorti Superjuri ta' Ontario gewwa l-Kanada. Kif jidher mill-istess sentenza li tinsab annessa mar-rikors guramentat u mmarkata 'Dok. S3',

ma hemm xejn imnizzel illi l-attrici rrevertiet ghal kunjom xbubitha u ghaldaqstant il-konvenut ma setghax jnizzel tali bida minghajr awtorizzazzjoni;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jiddikjara li ma jsibx oggezzjoni ghat-talbiet attrici. Ghaldaqstant f'tali cirkostanza ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

5. Illi finalment u dan minghajr hsara ghall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'

Rat illi fil-verbal tal-lum stess il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat;**

Rat illi l-ewwel eccezzjoni tal-Registratur intimat giet sorvolata permezz ta' korrezzjoni fir-rikors guramentat awtorizzata minn din l-istess Qorti.

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-Rikors Guramentat;

Rat partikolarment l-affidavit tar-rikorrenti li tispjega l-intenzjoni taghha li mad-divorzju hija tirreverti ghal kunjomha xebba u cioe` 'Abela' u li l-fatt li dan ma sarx ma kienx b'volonta' taghha;

Tqis illi in vista ta' dan kollu u l-provi fl-atti t-talba taghha hija gustifikata;

Rat ukoll illi saret id-debita pubblikazzjoni skont il-ligi.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti tghaddi sabiex filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tar-Registratur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma dak hawn deciz tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tawtorizza lir-rikorrenti terga' lura ghal kunjom xbubitha;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara ai finijiet u effetti kollha tal-ligi li kunjom ir-rikorrenti ghandu jkun 'Abela' u mhux aktar 'Da Costa Osorio';

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimat jaghmel l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha mehtiega f'kull att tal-istat civili tar-rikorrenti fejn din tkun neccessarja fis-sens li l-kunjom ir-rikorrenti m'ghandux jaqra aktar 'Da Costa Osorio', izda li ghandu jigi sostiwit b'kunjom xbubitha u cioe'

'Abela', kull fejn ikun mehtieg inkluz fl-att taz-zwieg tal-esponenti bin-numru progressiv 2237/1996;

4. Tilqa' r-raba talba u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mid-data ta' tali awtorizazzjoni, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra l-istess.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista tac-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**6 ta' Frar 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**6 ta' Frar 2020**